MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru 506/2012

**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**CARMEL SIVE CHARLES AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmel sive Charles Azzopardi ta’ 63 sena, bin Giuseppe u Rita nee’ Lautier, mwieled Cospicua nhar id-19 ta’ Novembru 1951, residenti 46, Christiz, Triq il-Kapuccini, Kalkara u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 928951M;

> Talli f’ Haz- Zebbug fis-7 ta’ Mejju 2012, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jhedd;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien jahdem bhala ‘enforcement officer’ mal-Awtorita’ Maltija Dwar l-Ambjent u l-

Ippjanar (MEPA), fiz-zmien in kwistjoni. Fit-8 ta’ Mejju 2012, it-taqsima tal-Frodi fil-Korp tal-Pulizija rceviet ittra minn ghand Alex Borg, Direttur tal-‘Enforcement’ mal-MEPA, li aktar kmieni dakinhar kien ircieva lment minn ghand il-Perit Philip Mifsud li klijent tieghu, certu Matthew Camilleri, kien intalab ihallas somma flus lil ufficjal tal-MEPA sabiex ikun jista’ johroglu dak li jissejjah ‘compliance certificate’ fuq sit tal-bini li dan Camilleri kien qed jizviluppa. Dan l-ufficjal kien gie identifikat bhala Carmel Azzopardi, l-imputat odjern. Ghalhekk il-Pulizija kienet baghtet ghalih, interogatu, u ressqitu b’arrest fuq akkuzi ta’ korruzzjoni minn ufficjal pubbliku.

Mill-provi prodotti, irrisulta li fil-fatt l-imputat kellu inkontru ma’ dan Matthew Camilleri. Huma kienu ltaqghu fuq is-sit in kwistjoni nhar is-7 ta’ Mejju, 2012. Flimkien ma’ Azzopardi kien hemm ufficjal iehor, certu Stephen Austin. Din is-‘site inspection’ kienet qed issir sabiex jigi determinat jistax jinhareg certifikat li l-bini sar skont il-pjanti approvati u l-permessi mahruga, u b’hekk kwalunkwe irregolarita’ fil-bini tigi regolarizzata. Camilleri allega li fil-hin li kien wahdu ma’ Azzopardi, dan talbu mitt Lira Maltin biex tinhareg din il-‘compliance certificate’, u ftit wara minnflok talbu mitejn Ewro, halli jaqsamhom mal-ufficjal l-iehor. Ghalhekk Camilleri irrapporta dan kollu lill-perit tieghu, li rrapporta lill-MEPA, u sussegwentement sar rapport lill-Pulizija.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda, fosthom l-istess Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Angelo Gafa’, li ta spjegazzjoni tal-investigazzjoni u tal-provi li ngabru minnu waqt li kien qed jistharreg il-kaz. Xehed ukoll Matthew Camilleri, li kkonferma li kien iltaqa’ mal-imputat u mal-ufficjal l-iehor nhar is-7 ta’ Mejju,

2012, biex saret l-ispezzjoni tal-proprjeta' tieghu halli tinhareg 'compliance certificate' biex ikun jista' japplika ghas-servizz tal-ilma. Hu spjega kif l-imputat kien talbu somma flus sabiex johroglu dan ic-certifikat. Qal li l-imputat ra li kien hemm xi affarjiet li ma kienux skond il-pjanti approvati, bhal 'partition' interna tal-gypsum u bir taht il-livell tal-kantina, u li dawn kellhom jitrangaw biex ikun jista' jinhareg ic-certifikat, izda wara ftit tal-hin talbu mitt Lira Maltin, u mbaghad talbu mitejn Ewro, sabiex ikun jista' jinhareg dan ic-certifikat. Camilleri qallu li ser ikellem il-Perit u li kien ser jigi lura b'risposta. Mar kellem lill-Perit tieghu, Philip Mifsud, li ghamel rapport lil tal-MEPA. Camilleri qal ukoll li l-imputat baqa' jcempillu hafna drabi f'dawk il-jumejn, izda hu baqa' ma rrispondiehx.

Xehed wkoll il-Perit Philip Mifsud, li kkonferma li Camilleri kien ghamel dak ir-rapport fuq ufficjal tal-MEPA, u li hu irrapporta din il-haga lil Alex Borg bhala direttur tal-'enforcement' mal-MEPA stess. Xehdu wkoll Oreste Galea u Mario Scicluna, zewg ufficjali tal-MEPA, li marru fuq is-sit in kwistjoni xi ftit gimghat wara li nqala' dan il-kaz, u raw li seta' jinhareg 'compliance certificate' ghalkemm kien hemm affarjiet differenti mill-pjanti originali kif gia' indikat hawn fuq.

Xehed Stephen Austin, l-ufficjal l-iehor tal-MEPA li kien mar fuq il-post mal-imputat biex jiltaqghu ma' Camilleri u jaraw jekk jistax jinhareg ic-certifikat imsemmi. Austin ikkonferma li huma raw li kien hemm xi nuqqasijiet, li gew identifikati bhala 'partitions' fil-pjan terran u fil-kantina, u d-daqs tal-bir kien zghir. Qal ukoll li hin minnhom l-imputat u Camilleri kienu wehidhom, izda qatt

ma ssemmew flus quddiemu, u l-anqas ma l-imputat semma’ xi flus wara li telaq Camilleri minn fuq il-post.

In difesa xehed l-imputat li nnega ghal kollox li qatt talab flus minn ghand Camilleri sabiex johrog dan ic-certifikat. Qal li dakinhar iltaqghu fuq is-sit u ra li kien hemm numru ta’ xogholijiet li ma kienux skond il-pjanti approvati. Qal li hu informa lil Camilleri b’dawn in-nuqqasijiet, u qallu biex ikellem lill-Perit tieghu u jirrangahom halli jkun jista’ johrog ic-certifikat. Qal ukoll li dam jipprova jcempillu lil Camilleri sabiex jara jekk kellimx lill-Perit u jekk irrangax in-nuqqasijiet li kellu, izda Camilleri ma rrispondiehx. Hu esebixxa xi dokumenti, wiehed minnhom li juri li anke f’Gunju 2014 kien ghad hemm xi nuqqasijiet fl-istess sit in kwistjoni, b’mod partikolari d-daqs tal-bir.

Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ma wettaq ebda reat f’din il-kawza. Il-Qorti kellha opportunita’ tisma’ kemm lil Matthew Camilleri kif ukoll lill-istess imputat jixhdu viva voce, u Camilleri ma kien kredibbli xejn. Kien evidenti mill-provi kollha prodotti li s-sit in kwistjoni kellu xi irregolaritajiet li ghalhekk ma setax jinhareg certifikat fuqu, u kien evidenti wkoll li Camilleri ma kienx komdu jixhed. Din il-Qorti ma tarax li l-Prosekuzzjoni lahqet il-grad rikjest mil-ligi biex issib htija fl-imputat. Anzi, hi tal-fehma li hawn ma kienx hawn ebda kaz kriminali. Hekk x’hin taghsar il-provi kollha, apparti dawk li huma konstatazzjonijiet ta’ fatti – bhall-irregolaritajiet diversi li kien hemm fis-sit in kwistjoni – il-kaz kollu jispicca jirrisolvi ruhu fuq il-kelma ta’ Camilleri kontra l-kelma tal-imputat. Azzopardi jghid li hu ma setax johrog certifikat ta’ ‘compliance’ minhabba fin-nuqqasijiet li rriskontra, nuqqasijiet li gew ippruvati

bhala fatt u kkorroborati mix-xhieda u mid-dokumenti. Camilleri jghid li hu gie avvicinat u mitlub ihallas somma flus mill-imputat, izda din il-verzjoni jirrepetuha x-xhieda l-ohra bhala ‘hearsay evidence’, peress illi jirrepetu biss dak li qal Camilleri. Fil-fehma tal-Qorti, Camilleri kellu x’jahbi u ghalhekk qala’ din l-istorja kollha fuq l-imputat. Anke l-fatt li saru dawk it-telefonati kollha mill-imputat lil Camilleri juru li l-imputat kien genwin fl-imgieba tieghu, mentri Camilleri ried jahrab minnu ghax ma riedx jissanzjona n-nuqqasijiet li kellu fil-binja tieghu.

Ghalhekk il-Qorti mhix qed issib lill-imputat hati u ser tilliberah.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 115, 119, 17, 31 u 533 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------